MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1532/1998/1

**Jagrove Services Limited**

**vs**

**Jason Attard**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Lulju, 1998 is-socjeta` attrici ppremettiet illi

l-konvenut huwa debitur taghha fl-ammont ta' elf erba' mija u hamsin Liri Maltin (LM1450) rapprezentanti l-prezz ta' apparat ta' computer hardware u software ("l-apparat") mibjugh mis-socjeta` attrici lill-konvenut, liema apparat gie debitament konsenjat lill-konvenut fuq ordni u inkarigu specifiku tieghu, liema prezz dovut jirrizulta mill-istatement tas-socjeta` attrici anness ma' l-istess citazzjoni u markat dokument ittra "A" u kif sorrett mill-invoice numru 3541 mahrug mis-socjeta` attrici, ukoll annessa u markata dokument ittra "B"; illi ghalkemm mitlub diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut bagha inadempjenti; illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM1450.00 huwa cert, likwidu u ezigibbli, u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenut ma ghandu ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta' dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta' Paul Berman, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, anness dokument ittra "X"; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1) taghti sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2) tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM1450 hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq.

Bl-imghax, mid-data ta' l-invoice sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru 1997 kif ukoll tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru li gew prezentati nhar it-18 ta' Gunju 1998, kollox kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

B'nota ipprezentata fit-22 ta' Gunju, 1999 il-konvenut eccepixxa:-

1. Preliminarjament l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa ma hux il-legittimu kontradittur ghat-talba tas-socjeta` attrici stante li l-kawza messha giet intavolata kontra Advanced Systems International Ltd u mhux kontra tieghu personalment.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna ai termini ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghal premess u fil-meritu jezistu l-elementi kollha rikjesti fil-ligi ghat-tpacija kif sejjer jirrizulta fil-kontro-talba li qed tigi ntavolata kontestwalment ma dawn l-eccezzjonijiet.

4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, t-talba tas-socjeta` attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta stante li ma hu dovut ebda ammont mill-eccipjent in konnessjoni mal-kawzali ta’ l-odjerna citazzjoni.

**Talba rikonvenzjonali.**
Il-konvenut ipprezenta konto-talba, li tghid hekk:
Peress illi l-konvenut kien importa, biegh u ssuplixxa lis-socjeta` attrici diversi apparat ta’ computer hardware u software u dana fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta` attrici; peress illi l-istess apparat gie debitament konsenjat lis-socjeta` attrici f’diversi okkazzjonijiet; peress li s-socjeta` attrici kienet hallset diversi ammonti bhala akkont ghal xi konsenji w ntrabtet li thallas il-bilanc minnha dovut lill-konvenut liema obbligu anke jinsab in parti kopert bil-hrug ta’ diversi kambjali kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz; peress illi s-socjeta` attrici ghad baqghala thallas lill-konvenut diversi eluf ta’ liri rapprezentanti l-bilanc minnha dovut lilu ghad-diversi konsenji ta’ apparat ricevut minnha fuq inkariku taghha; peress illi ghalhekk s-socjeta` attrici ghadha debitrici a favur tal-konvenut kif fuq spjegat u kif ser jirrizulta ahjar waqt l-andament ta’ dan il-kaz; peress li s-socjeta` attrici baqghet ma halsitx il-bilanci kollha ghad-diversi konsenji maghmula lilha;
Dan premess il-konvenut rikonvenjent talab li dik il-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta` attrici bhala debitrici favur il-konvenut ghar-rigward diversi konsenji ta’ apparat li kien gie debitament mibjugh u konsenjat lilha;

2. tillikwida l-bilanc li ghadu dovut mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut;

3. tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut l-ammont minnha likwidat.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra s-socjeta` attrici li minn issa qed tigi ngunta personalment ghas-subizzjoni.

Is-socjeta` attrici rikonvenzjonata ma pprezentat ebda nota ta' l-eccezzjonijiet ghall-kontrotalba tal-konvenut.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tal-21 ta' Mejju, 2004 meta, filwaqt li laqghat it-talba attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba' mija u hamsin lira Maltin (LM1,450) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal hawn fuq, cahdet il-kontro-talba tal-konvenut bl-ispejjez kemm tat-talba principali kif ukoll dawk tal-kontro-talba a karigu tal-konvenut.

L-ewwel Qorti tat din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"**Preskrizzjoni**

"Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna ta' tmientax il-xahar ai termini ta' l-artikolu 2148(b) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi jirrizulta li l-*invoice* a fol. 8 hija datata 2 ta' April, 1997 mentri l-kawza giet prezentata fis-17 ta' Lulju, 1998 entro it-tmientax il-xahar. Huwa veru li c-citazzjoni giet notifikata fit-30 ta' April, 1999 izda skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna skond l-artikolu 2131 tal-Kap 16 issehh l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni mal-presentata tat-talba gudizzjarja indipendentement minn notifika ta' l-istess. (Ara J.Bonello vs V.Bonello PA 22/4/83; Cassar vs Zahra PA 27/6/83, Dr Woods vs Jones Kumm 28/3/88, Sghendo vs Muscat PA 3/10/1991; PA Zammit vs Fenech 24/1/97).

"**Legittimu kontradittur**

“Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet “Carmelo sive Charles Azzopardi et noe vs George Cauchi” il-Qorti qalet “Li hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragionevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f’isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f’dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta’ provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Trolong mandato no. 50 citata bil-kollezzjoni Vol XLII P. II, p.203). Inoltre, il-ligi tezigi illi kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita *in buona fede*. (Art. 993 Kap 16).

“Biex persuna li qeda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha, jkun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna ndikat car u tond li qieghda tikkontratta ghal haddiehor jew ghaliha personalment. Jekk ma ndikatx dan espressament, almenu jkun jirrizulta sodisfacientement li l-kontraent l-iehor ikun ragjonevolment jaf illi dik il-persuna qieghda tikkontratta b’dak il-mod. (Ara sentenza Kumm JDC Zammit vs Rev. N.Okereke 13/7/91 u sentenza tal-Qorti ta’ l-appell E.Borg et noe vs R. Schembri tat-28 ta’ Mejju, 1973).

“Fil-kaz in ezami l-*laptop* gie mibjugh lill-konvenut fit-2 ta’ April, 1997 meta l-kumpanija kienet diga giet formata. Inhareg *invoice* datat 2 ta’ April, 1997 fuq isem personali ta’ Jason Attard bl-indirizz Id-Dura, Triq il-Kuccard, San Gwann. Imbaghad inhareg *statement* fis-7 ta’ Lulju, 1998 fuq l-istess isem u l-istess indirizz. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li f’xi hin il-konvenut ghamel xi oggezzjoni ghal dana l-kont jew qal li ma kienx dovut minnu imma mill-kumpanija, hlief f’din il-kawza, fejn qed ighid li l-*laptop* inxtara ghall-kumpanija.

“Finalment jigi rileva li minn dokumenti ezibiti jirrizulta li kienu saru *invoices* ohra fuq Advance Systems International u Advance Systems International Limited,

izda fil-kaz tal-*laptop* ma sarx hekk ghax ma kienx ghall-kumpannija imma personalment ghall-konvenut.

“Il-konvenut qatt ma qal li huwa hallas dana l-*laptop* ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**“Kontrotalba**

“Il-konvenut ipprezenta kontrotalba fejn talab il-hlas ta’ bilanc ta’ apparat li hu kien ikkonsenja lis-socjeta` attrici.

“Ili dwar din il-kontrotalba s-socjeta` attrici ma pprezentatx eccezzjonijiet.

“Skond il-konvenut, somma sostanzjali mitluba fil-kontrotalba hija koperta minn kambjali u dawn gew girati favur l-APS Bank Ltd u hemm kawza pendenti l-Qorti mill-bank kontra l-atturi a bazi ta’ dawn il-kambjali. Hemm ukoll ammonti dovuti mill-atturi li huma koperti b’*invoices* li ntbghatu lill-atturi mill-konvenut.

“Kwantu ghal dawn ta’ l-ahhar ma jirrizultax mill-provi ghal liema *invoices* il-konvenut qed jirreferi billi dawn ma gewx ezebiti. Kwantu ghall-kambjali (kopji) li hu ezebixxa pero` jirrizulta li dawn gew *endorsed* lill-Bank ghalhekk issa hu ma jistax jibbaza l-kontrotalba tieghu a bazi ta’ kambjali li gew girati u m’ghadhomx b’idejh.

“Ghalhekk il-kontrotalba ma tistax tigi milqugha.”

**L-appell tal-konvenut.**

Jason Attard appella mis-sentenza fuq riportata u talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka ghal kollox l-imsemmija sentenza billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tieghu, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u kwindi tichad it-talbiet attrici nomine fil-konfront tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine.

Ghalkemm il-konvenut appellant talab li s-sentenza tigi revokata “ghal *kollox*” jidher li l-appell tieghu jikkoncerna biss ic-cahda ta’ l-ewwel eccezzjoni fejn talab li jigi liberat

mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. Dwar ic-cahda tal-kontrotalba u ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra ma sar ebda appell.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut qed jikkontendi li huwa mhux il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri billi, skond hu, l-kawza kellha tigi indirizzata kontra Advanced Systems International Limited, socjeta` li kienet giet formata fl-20 ta’ Marzu, 1997 bejn l-istess konvenut u s-socjeta` Webforce Ltd rapprezentata mill-istess Paul H. Berman, direttur tas-socjeta` attrici.

L-ewwel Qorti waslet biex cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u b’hekk sabitu responsabbli personalment ghall-ammont mitlub fic-citazzjoni billi d-dokumenti relevanti, ossia l-*invoice* u li *statement* rilaxxjati mis-socjeta` attrici kienu jsejhu lill-konvenut u ma kien hemm ebda prova in atti li l-konvenut, li ordna l-apparat in kwistjoni, kien gharraf lis-socjeta` venditrici li dan kien qed jinxtara ghan-nom tal-kumpannija.

Din il-Qorti, ezaminati l-provi prodotti, hija tal-fehema li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-fatti tal-kawza u li waslet ghal konkluzzjoni tajba. Infatti, apparti dak li gie rilevat fis-sentenza, huwa xieraq li ssir riferenza ghal dak li qal l-istess konvenut in kontro ezami fl-udjenza tas-17 ta’ April 2000 minn fejn johrog bic-car li l-*laptop* mertu tal-kawza kien verament mibjugh lill-konvenut. Dan (a fol 38 tal-process) jghid hekk: “*Berman kien gibidli l-attenzjoni ghall-bilanci qabel ma fetah din il-kawza. Jiena kont nigbidlu l-attenzjoni ghall-bilanci li kellu dovuti lejja*.” Din l-attitudini tal-konvenut, li del resto hija riflessa fil-kontrotalba ghat-tpacija proposta minnu, tindika li l-istess konvenut kien konxju tad-debitu tieghu biss ma ridx ihallas ghax hu kien qed jikkontendi li hu, jew is-socjeta` tieghu, kellhom jiehdu minghand is-socjeta` attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant u peress li dan l-appell huwa

wkoll wiehed fieragh u vessatorju fis-sens ta’ l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lis-socjeta` appellata l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------